VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 19,297, 19 ta' Awwissu, 2014
Taqsima B

A.L. 282 tal-2014

ATT DWAR POTERI LI JSIRU REGOLAMENTI FL-INTERESS NAZZJONALI (KAP. 365)

Regolamenti tal-2014 dwar l-Infurzar ta' Sanzjonijiet tal-Unjoni Ewropea li jipprojbixxu milli jkunu sodisfatti ċerti pretensjonijiet mill-Awtoritajiet tal-Ħaiti dwar kuntratti u transazzjonijiet

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 3(2) tal-Att dwar Poteri li jsiru Regolamenti fl-Interess Nazzjonali, il-Prim Ministru għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu.

1. It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu Regolamenti tal-2014 dwar l-Infurzar ta' Sanzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, li jipprojbixxu milli jkunu sodisfatti ċerti pretensjonijiet mill-Awtoritajiet tal-Ħaiti dwar kuntratti u transazzjonijiet.

Tifsir.

2. F'dawn ir-regolamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma tkunx teħtieġ xort'oħra -

Kap. 365.

"l-Att" tfisser l-Att dwar Poteri li jsiru Regolamenti fl-Interess Nazzjonali;

"ir-Regolament tal-Kunsill" tfisser ir-Regolament tal-Kunsill imsemmi fir-regolament 3, kif ukoll kwalunkwe emenda jew revoka li tista' issir għal dan l-istess Regolament;

"il-Bord ta' Sorveljanza" tfisser il-Bord imwaqqaf taħt ir-regolament 2 tar-Regolamenti dwar Bord ta' Sorveljanza dwar is-Sanzjonijiet;

L.S.365.08

Kap. 460.

"it-Trattat" tfisser it-Trattat imsemmi fl-artikolu 2 tal-Att dwar l-Unjoni Ewropea.

Test tar-Regolament tal-Kunsill Ewropew (KE) No. 1264/1994

3. Dawn ir-regolamenti japplikaw għar-Regolament tal-Kunsill Ewropew (KE) Nru. 1264 ta' 30 ta' Mejju 1994 li jipprojbixxi milli jkunu sodisfatti ċerti pretensjonijiet mill-Awtoritajiet tal-Ħaiti dwar kuntratti u transazzjonijiet li t-twettieq tagħhom kien affettwat mill-miżuri imposti minn jew skont ir-Riżoluzzjonijiet tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti 917 (1994), 841 (1993), 873 (1993) u 875 (1993) (kif sussegwentament emendati), liema test jidher fl-iSkeda li tinsab ma' dawn ir-regolamenti.

Appikabilità tal-Att dwar l-Unjoni Ewropea. Kap. 460.

4. Għall-fini tal-artikolu 3 tal-Att dwar l-Unjoni Ewropea, dan ir-Regolament tal-Kunsill jorbot kollu kemm hu fuq Malta u għandu jkun parti mil-liġi tal-pajjiż skont il-kondizzjonijiet imsemmijin fit-Trattat.

VERŻJONI ELETTRONIKA

Notifikazzjoni dwar l-iffriżar tal-attiv.

5. (1) Meta xi dispożizzjoni ta' xi regolament magħmul taħt l-Att tkun teħtieġ lil xi persuna jew lil xi entità oħra twettaq l-identifikazzjoni ta' flejjes jew attiv li jappartjenu lil jew li jkunu fil-pussess ta' persuni jew entitajiet li jistgħu jiġu identifikati jew li jkunu identifikabbli taħt dawn ir-regolamenti jew l-iffriżar jew l-ibblukkar ta' dawk il-flejjes jew attiv, dik il-persuna jew entità għandha mingħajr ebda dewmien tavża bil-miktub kull informazzjoni rilevanti li jista' jkollha dwar persuni, entitajiet, attiv jew flejjes milquta b'dawn ir-regolamenti lill-Bord ta' Sorveljanza, jew lil dik l-awtorità pubblika oħra li tista' tiġi ordnata b'kull liġi oħra.

(2) L-iżvelar ta' kull informazzjoni fl-ambitu tal-pattijiet u tal-ħtiġiet ta' dan ir-regolament ma għandux jikkostitwixxi ksur tal-Att dwar Segretezza Professjonali, meta dan ikun japplika, jew ta' kull obbligu ieħor ta' konfidenzjalità li joħroġ minn xi kuntratt jew minn xi liġi oħra.

Kap. 377.

(3) Kull min jonqos milli jħares id-dispożizzjonijiet tas-subregolament (1) ikun ħati ta' reat bħalma hemm imsemmi fl-artikolu 4 tal-Kodiċi Kriminali.

Kap. 9.

Responsabbiltà ta' korp magħqud.

6. (1) Meta reat kontra xi dispożizzjoni tar-Regolament tal-Kunsill, li dawn ir-regolamenti japplikaw għalih, jew kontra dawn ir-regolamenti, isir minn korp ta' persuni (sew jekk dak il-korp ikun inkorporat jew le), kull persuna li, fiż-żmien tal-għemil tar-reat, kienet direttur, *manager*, segretarju jew uffiċjal ieħor simili ta' dak il-korp jew għaqda, jew kienet tidher li qed taġixxi f'dik il-kariga, tkun ħatja ta' reat kemm-il darba ma tippruvax li r-reat ikun sar mingħajr it-tagħrif tagħha u li tkun eżerċitata d-diligenza kollha xierqa biex ma tħallix illi jsir ir-reat.

(2) Meta l-persuna misjuba ħatja ta' reat taħt dawn ir-regolamenti jkun uffiċjal ta' korp magħqud bħalma hemm imsemmi fl-artikolu 121D tal-Kodiċi Kriminali jew tkun persuna li jkollha setgħa ta' rappreżentanza jew li jkollha dik l-awtorità bħalma hemm imsemmi f'dak l-artikolu u r-reat li dik il-persuna tkun instabet ħatja tiegħu jkun sar għall-benefiċċju, f'parti jew kollu kemm hu, ta' dak il-korp magħqud, dik il-persuna għandha għall-finijiet ta' dawn ir-regolamenti titqies bħala li hi vestita bir-rappreżentanza legali tal-istess korp magħqud li għandu jkun responsabbli għall-ħlas ta' multa ta' mhux inqas minn ħamest elef euro (€5,000) u mhux iżjed minn mija u sittax-il elf erba'mija u tmienja u sittin euro (€116,468).

Kap. 9.

Piena.

7. Meta persuna tagħmel reat kontra xi dispożizzjoni tar-Regolament tal-Kunsill, li dawn ir-regolamenti japplikaw għalih, jew kontra dawn ir-regolamenti, dik il-persuna teħel, meta tinstab ħatja, priġunerija għal żmien minn tnax-il xahar sa ħames snin jew multa ta' mhux iżjed minn mija u sittax-il elf erba'mija u tmienja u sittin euro (€116,468), jew ta' priġunerija u multa flimkien.

VERŻJONI ELETTRONIKA

SKEDA

(Regolament 3)

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1264/94 tat-30 ta' mejju 1994 li jipprojbixxi li jkunu sodisfatti pretensjonijiet mill-awtoritajiet tal-Ħaiti dwar kuntratti u transazzjonijiet li t-twettieq tagħhom kien effettwat mill-miżuri imposti minn jew skond ir-risoluzzjonijiet tal-Kunsill tas-Sigurtà tal-Ġnus Magħquda 917 (1994), 841 (1993), 873 (1993) u 875 (1993)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 73g u l-Artikolu 228a tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill 94/315/CFSP tat-30 ta' Mejju 1994 dwar il-pożizzjoni komuni spjegata fuq il-bażi ta' l-Artikolu J.2 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea dwar it-tnaqqis ta' relazzjonijiet ekonomiċi mal-Ħaiti,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni,

Billi permezz tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1608/93 tal-24 ta' Ġunju 1993 li jintroduċi embargo fuq ċertu kummerċ bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u l-Ħaiti* u r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3028/93 tat-28 ta' Ottubru 1993 li jħassar is-sospensjoni ta' l-embargo dwar kummerċ bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u l-Ħaiti u li jemenda r-Regolament (KEE) Nru 1608/93 li jintroduċi dan l-embargo** u r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1263/94 li jintroduċi t-twaqqif tal-kontinwazzjoni ta' ċerti relazzjonijiet finanzjarji u ekonomiċi mal-Ħaiti;

Billi, bħala konsegwenza ta' dawn il-miżuri, operaturi ekonomiċi fil-Komunità u f'pajjiżi terzi huma esposti għar-riskju ta' pretensjonijiet mill-awtoritajiet tal-Ħaiti dwar kuntratti jew transazzjonijiet li t-twettieq tagħhom kien effettwat mir-riżoluzzjonijiet tal-Kunsill tas-Sigurtà tal-Ġnus Magħquda 917 (1994), 841 (1993), 873 (1993) u 875 (1993);

Billi l-paragrafu 11 tar-riżoluzzjoni 917 (1994) jobbliga lill-Istati kollha li jilqgħu minn qabel milli jkunu milqugħa pretensjonijiet bħal dawn mill-awtoritajiet tal-Ħaiti;

Billi huwa għalhekk meħtieġ li jkunu protetti operaturi ekonomiċi b'mod permanenti kontra pretensjonijiet bħal dawn u li l-awtoritajiet tal-Ħaiti jkunu miżmuma milli jiksbu kumpens għall-effetti negattivi ta' l-embargo;

Billi l-Komunità tqis li, meta tiddeċiedi jekk tnaqqasx jew tneħħix il-miżuri meħuda kontra l-awtoritajiet tal-Ħaiti, għandu jitqies b'mod partikolari kull nuqqas minn dawn l-awtoritajiet li jikkonformaw mal-paragrafu 11 tar-riżoluzzjoni 917 (1994),

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

---

* ĠU L 155, tas-26.6.1993, p. 2.

** ĠU L 270, tat-30.10.1993, p. 73.

VERŻJONI ELETTRONIKA

Għall-għanijiet ta' dan ir-Regolament:

1. "kuntratt jew transazzjoni" tfisser kull transazzjoni ta' liema forma hi u tkun xi tkun il-liġi applikabbli, sew jekk tkopri kuntratt wieħed jew aktar jew obbligi simili magħmula bejn l-istess partijiet jew differenti; għal dan il-għan "kuntratt" jinkludi rabta, garanzija finanzjarja u kumpens jew kreditu sew jekk legalment indipendenti jew mhux u kull dispożizzjoni relatata li toħroġ minn jew b'rabta mat-transazzjoni;

2. "pretenzjoni" tfisser kull talba, sew jekk mfittxa bi proċeduri legali jew le, magħmula qabel jew wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament, taħt jew b'rabta ma' kuntratt jew transazzjoni, u b'mod partikolari tinkludi:

a) talba għat-temma ta' kull obbligu li joriġina b'rabta ma' kuntratt jew transazzjoni;

(b) talba għal estenzjoni jew ħlas ta' rabta, garanzija finanzjarja jew kumpens ta' liema forma jkun;

(ċ) talba għal kumpens dwar kuntratt jew transazzjoni;

(d) kontro-talba;

(e) talba għall-għarfien jew infurzar, inkluż bil-proċedura ta' eżekutur, ta' sentenza, deċiżjoni bl-arbitraġġ jew deċiżjoni ekwivalenti, magħmula jew deċiża fejn ikun;

3. "miżuri meħuda skond ir-riżoluzzjoni 917 (1994) u r-riżoluzzjonijiet relatati" tfisser miżuri tal-Kunsill tas-Sigurtà tal-Ġnus Magħquda jew miżuri introdotti mill-Komunitajiet Ewropej jew kull Stat, pajjiż jew organizzazzjoni internazzjonali b'konformità ma', kif meħtieġ minn jew b'rabta mat-twettieq ta' deċiżjonijiet relevanti tal-Kunsill tas-Sigurtà tal-Ġnus Magħquda, jew kull azzjoni awtorizzata mill-Kunsill tas-Sigurtà tal-Ġnus Magħquda, dwar it-twaqqif ta' ċerti relazzjonijiet finanzjarji u ekonomiċi mal-Ħaiti;

4. "persuna jew korp fil-Ħaiti" tfisser

(a) l-awtoritajiet fil-Ħaiti;

(b) kull ċittadin tal-Ħaiti;

(ċ) kull korp li jkollu l-uffiċċju jew il-kwartieri tiegħu reġistrat fil-Ħaiti;

(d) kull korp kontrollat, direttament jew indirettament, minn wieħed jew aktar mill-persuni jew korpi msemmija hawn fuq;

(e) kull persuna li titlob permezz jew għall-benefiċċju ta' kull persuna jew korp imsemmija f'(a), (b), (ċ) jew (d).

Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 2, temma ta' kuntratt jew transazzjoni għandha wkoll titqies bħala li kienet effettwata minn miżuri meħuda skond ir-riżoluzzjoni 917 (1994) tal-Kunsill tas-Sigurtà tal-Ġnus Magħquda u r-riżoluzzjonijiet relatati fejn l-eżistenza jew il-kontenut tat-talba tirriżulta direttament jew indirettament minn dawk il-

VERŻJONI ELETTRONIKA

miżuri.

Artikolu 2

1. Għandu jkun projbit li tkun milqugħa jew li jittieħed xi pass biex tkun milqugħa talba magħmula minn:

(a) persuna jew korp fil-Ħaiti jew li jaġixxi permezz ta' persuna jew korp fil-Ħaiti;

(b) kull persuna jew korp li jaġixxi, direttament jew indirettament, f'isem jew għall-benefiċċju ta' persuna jew korp wieħed jew aktar fil-Ħaiti;

(ċ) kull persuna jew korp li jieħu vantaġġ minn trasferiment jew drittijiet, inkella jagħmel talba permezz jew taħt, wieħed jew aktar persuni jew korpi fil-Ħaiti;

(d) kull persuna jew korp ieħor imsemmi fil-paragrafu 11 tar-regolament 917 (1994) tal-Kunsill tas-Sigurtà tal-Ġnus Magħquda;

(e) kull persuna jew korp li jagħmel talba li toriġina minn jew b'rabta mal-ħlas ta' rabta jew garanzija finanzjarja jew kumpens lil wieħed jew aktar persuni jew korpi msemmija hawn fuq,permezz ta' jew b'rabta ma' kuntratt jew transazzjoni li t-temma tiegħu kienet effettwata, direttament jew indirettament, kollu jew parti minnu, mill-miżuri deċiżi skond ir-riżoluzzjoni 917 (1994) tal-Kunsill tas-Sigurtà tal-Ġnus Magħquda u r-riżoluzzjonijiet relatati.

2. Il-projbizzjoni msemmija fil-paragrafu 1 għandha tapplika fi ħdan il-Komunità u għal kull ċittadin ta' Stat Membru u kull korp li huwa inkorporat jew kostitwit taħt il-liġi ta' Stat Membru.

Artikolu 3

Mingħajr preġudizzju għall-miżuri deċiżi skond ir-riżoluzzjoni 917 (1994) tal-Kunsill tas-Sigurtà tal-Ġnus Magħquda u r-riżoluzzjonijiet relatati, l-Artikolu 2 ma japplikax:

(a) għal talbiet dwar kuntratti jew transazzjonijiet, bl-eċċezzjoni ta' kull rabta, garanzija finanzjarja jew kumpens, li dwarhom il-persuni jew korpi msemmija fl-Artikolu msemmi jippruvaw quddiem qorti ta' Stat Membru li t-talba kienet aċċettata mill-partijiet qabel l-adozzjoni tal-miżuri deċiżi skond ir-riżoluzzjoni 917 (1994) tal-Kunsill tas-Sigurtà tal-Ġnus Magħquda u r-riżoluzzjonijiet relatati, u li dawk il-miżuri ma kellhom ebda effett fuq l-eżistenza jew il-kontenut tat-talba;

(b) għal talbiet għal ħlasijiet taħt kuntratt tal-assigurazzjoni dwar każ li jkun ġara qabel l-adozzjoni tal-miżuri msemmija fl-Artikolu 2 jew taħt kuntratt ta' assigurazzjoni fejn din l-assigurazzjoni tkun obbligatorja taħt il-liġi ta' Stat Membru;

(ċ) għal talbiet għall-ħlas ta' flejjes imħallsa f'kont li l-ħlas minnu kien ibblukkat skond il-miżuri msemmija fl-Artikolu 2, kemm-il darba ħlas bħal dan ma jkunx dwar flejjes imħallsa taħt rabtiet dwar kuntratti msemmija fl-imsemmi Artikolu;

VERŻJONI ELETTRONIKA

(d) għal talbiet marbuta ma' kuntratti ta' mpiegi soġġetti għal-liġi ta' kull Stat Membru;

(e) għal talbiet ta' ħlas għal prodotti li l-persuni jew korpi msemmija fl-Artikolu 2, jippruvaw quddiem qorti ta' Stat Membru, li kienu esportaw qabel l-adozzjoni tal-miżuri meħuda skond ir-riżoluzzjoni 917 (1994) tal-Kunsill tas-Sigurtà tal-Ġnus Magħquda u r-riżoluzzjonijiet relatati u li dawk il-miżuri ma kellhom ebda effett fuq l-eżistenza jew il-kontenut tat-talba;

(f) għal talbiet għal flejjes li l-persuni jew korpi msemmija fl-Artikolu 2, jippruvaw quddiem qorti ta' Stat Membru, li huma dovuti taħt self magħmul qabel l-adozzjoni tal-miżuri deċiżi skond ir-riżoluzzjoni 917 (1994) tal-Kunsill tas-Sigurtà tal- Ġnus Magħquda u r-riżoluzzjonijiet relatati u li dawk il-miżuri ma kellhom ebda effett fuq l-eżistenza jew il-kontenut tat-talba,

kemm-il darba t-talba ma tinkludi ebda ammont, f'forma ta' imgħax, ħlas jew mod ieħor, biex tikkumpensa għall-fatt li t-temma ma kienetx, b'riżultat ta' dawk il-miżuri, skond it-termini tal-kuntratt jew it-transazzjoni relevanti.

Artikolu 4

F'kull proċedura għall-infurzar ta' talba, l-obbligu biex ikun ippruvat li l-ilqugħ tat-talba mhux projbit bl-Artikolu 2, għandu jkun fuq il-persuna li tkun qed tfittex l-infurzar ta' dik it-talba.

Artikolu 5

Kull Stat Membru għandu jistabbilixxi s-sanzjonijiet li se jkunu mposti meta d-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament ikunu miksura.

Artikolu 6

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, it-30 ta' Mejju 1994.

Għall-Kunsill
Il-President
G. Moraitis